# L-EWWEL ĠEBLA TAL-KNISJA L-ĠDIDA F'GĦ'SIELEM

## Kitba ta' Tancredi Borg

Festa kommoventi li rnexxiet, tassew devota kif tixraq lil ċerimonja reliġjuża kienet dik li saret f'Għajnsielem, Għawdex, fit-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tal-famuż tempju ġdid li ser jinbena f'dan ir-raħal ta'villeġġjatura popolari, iddedikat lill-Verġni Sultana tas-sema taħt it-titlu ta' Loreto, tempju ta' għamla ġdida għal dawn il-gżejjer, li ser ikun il-kuruna li titqiegħed f'riġlejn it-tron ta' Marija Padruna ta' Malta u Għawdex, xhieda tal-imħabba u qima li wlied il-Madonna, ta' Għajnsielem, riedu joffru pubblikament lill-Omm Mqaddsa tagħhom.

Aktar minn elfejn ruħ minn kull rokna ta' Malta, imma b'mod speċjali mill-Birgu marru f'Għajnsielem għal din l-okkażjoni, b'mod li l-Imġarr, Għajnsielem u l-Qala kienu miżgħuda bil-Maltin li kienu fihom daqqa ta' għajn ġmielha, jiġġerrew ferħana b'dik l-arja pura u friska li minnha ta'l-ibliet huma tant mixtieqa; ilkoll fost l-akbar kwiet gawdew dik il-festa għażiża b'imħabba ta' aħwa u b'devozzjoni ta' veri nsara.

Lejliet il-festa ta' filgħaxija l-popolari banda tal-Birgu *Duke of Edinburgh* daqqet programm sabieħ li ġie wisq applawdit. F'xi 6p.m. saret purċissjoni bis-salib li tqiegħed fil-post fejn fil-knisja il-ġdida għandu jiġi l-altar maġġur; imbagħad il-banda fuq imsemmiha daret mar-raħal iddoqq marċi sbieħ u wasslet sal-knisja statwa sabiħa tal-Madonna ta' Loreto *facsimile* ta' dik li nħarqet fis-Santwarju ta' Loreto nhar it-22 ta' Frar 1921.

Nhar il-Ħadd, 14 ta' Settembru filgħodu, wara l-matutin, saret il-quddiesa kantata li fiha Mons. Isqof Gonzi għamel *praesbiter assistens*. Niseġ it-tifħir tal-Verġni ta' Loreto il-bravu predikatur Malti Dun Nerik Cordina Perez.

Wara nofsinhar wara l-għasar, saret is-sabiħa ċerimonja tat-tberik ta' l-ewwel ġebla tal-knisja l-ġdida. Din il-knisja li l-pedamenti tagħha ġew imqegħda fl-4 ta' Ġunju 1922, għamel il-pjanta tagħha l-Perit, Ugo Mallia tal-Belt, hija ta' stil gotiku ispirat minn l-istil Lombard; hija forma ta'salib latin, bi tliet navati, b'erbatax l-altar u b'kampnar sabiħ ferm. Il-knisja hi twila 200 pied u wiesgħa 80 (40 pied itwal mill-Katidral ta' Għawdex minn gewwa)….

Din l-ewwel ġebla kwadra b'erba' slaleb riżaltati wieħed f'kull faċċata, ġiet imbierka minn Mons. Gonzi biċ-ċeremonjal sabiħ u twil li l-Knisja tuża f'din l-okkażjoni u merfugħa bil-menza mill-Kummisarju ta' Għawdex is-Sur Tonna, il-Ministru tal-Ġustizzja Onor. Mallia, l-ex Kummissarju ta' Għawdex is-Sur Milard u t-Tabib Principali ta' isptar ta' dik il-Gżira, it-tabib Grima, ġiet imqiegħda u mkaħħla f'postha minn Mons. Isqof Gonzi. Wara li saret il-purċissjoni fuq il-pedamenti dawra tond tal-knisja, Mons. Isqof Gonzi tela' fuq it-tron tal-bellus aħmar, għoli li jista' jarah kulħadd, u hemm, fuq it-test mis-Salm 83 .Vers 1. *Quam dilecta tabernacula tua Domine virtutum*, għamel priedka ta' għoxrin minuta li l-poplu xtaq li ma jintemmux; il-predka, bil-Malti kienet tassew sabiħa u f'waqtha, kliem ta' għerf u tagħlim li laqat lil kulħadd. Wara din il-funzjoni li kienu jarawha xi 8 telef ruħ iffullati f'dik il-wita, saret il-purċissjoni bis-sabiħa statwa tal-Madonna ta' Loreto, immexxiha mill-Arċipriet tal-Kapitlu tal-Birgu. Il-mużika ta' din il-knisja kienet fdata f'idejn is-Surmast Kanonku Teżorier Dun Rafel Mazzelli tal-Birgu magħruf tajjeb fostna bħala wieħed mill aħjar *mastri di cappella* ta' Malta. Il-mużika rrnexxiet u tfaħħret minn kulħadd Maltin u Għawdxin.

L-art li fuqha ser tinbena l-knisja hija propjeta' ta' Mons. Kan. D. Pawl Gauci tal-Belt u għall-ħidma tal-pedamenti kkonkorrew ferm il-poplu ta' Għajnsielem nisa u rġiel bil-ġarr ta' karettuni ta' ġebel u terrapien mill-barriera kbira mnejn ser jinqata l-ġebel gbir għal bini ta' din il-knisja, bl-impenn tal-ħabrieki u popolari kappillan Dun Franġisk Mizzi u l-ħeġġa tas-sinjuri Karmnu Galea u Salvu Xuereb ta' l-istess raħal.

Bosta sinjuri oħrajn qegħdin jirsistu għat-twaqqif ta' din il-knisja ġdida, fosthom huma is-Sigri. Dun Alfonz Mizzi, Dun Ġużepp Galea Rapa, Kan. D. Anton Agius, Franġisk Buttigieg, Wenzu Grech, Pawlu Scortinu, u Ġużepp Cutajar li llum jistgħu minn dil-knisja jgħidu mas-Salmista: *Bene fundata est domus Domini supra firmam petram.*

*Nota- Tancredi Borg kien wieħed mill-kantanti li jiġu mas-Surmast Anton Pace. Anton Pace hu l-kompożitur ta' l-Innu popolari tagħna "Esultanti di gioia feswtiva' u wkoll ta' l-Antifona Beata Mater li tindaqq fit-Tridu u tal-Beata Mater li tindaqq fil-festa. Tiegħu għandna wkoll xi Litaniji, Salve Regina(solo) u Tantum Ergo (a due voci).*